MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 90/2011

Kawza fil-lista: 48

**PB**
**vs**
**L-Avukat Dottor Adrian Camilleri**
**u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici,**
**kuraturi deputati nominati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti VB**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li minn relazzjoni li hi kellha mal-assenti twieled it-tifel Yasser Aloush fit-22 ta’ Marzu 2010; li meta giet terminata r-relazzjoni, l-assenti telaq minn dawn il-Gzejjer; li mit-twelid tat-tifel il-kura u kustodja effettiva tieghu baqghet dejjem fuqha; li pero’ jehtieg li l-kura u kustodja tat-tifel, kif ukoll il-hlas tal-manteniment ghalih

mill-konvenut assenti jigu regolati; li l-attrici ottjeniet l-awtorizzazzjoni necessarja sabiex tressaq l-istanza odjerna; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti:

1. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri NC f' idejn l-attrici.

2. Tordna lill-konvenut ihallas manteniment ghall-minuri NC skont kif iffissat mill-istess Onorabbli Qorti.

3. Taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha huma fl-ahjar interessi tal-minuri.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri kollha inkorsi mill-attrici kontra l-konvenut ingunt minn issa in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-kuraturi deputati ddikjaraw li ma kienux edotti bil-fatti tal-kaz; u rrizervaw li jipprezentaw risposta ulterjuri jekk ikunu edotti bil-fatti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li din il-Qorti tirregola l-kura u kustodja tal-minuri, kif ukoll tistabilixxi l-manteniment dovut ghall-istess minuri minn missieru assenti.

Illi mill-provi jirrizulta li minn relazzjoni li l-attrici kellha mal-konvenut assenti, twieled it-tifel Yasser Aloush fit-22 ta' Marzu 2010.

Illi l-istess konvenut kien, u ghadu, jirrifjuta li jerfa' r-responsabbilita' tieghu versu dan it-tifel li mill-att tat-twelid tieghu jirrizulta li hu t-tifel tieghu. Min-naha taghha l-attrici dejjem hadet, u ghadha tiehu, hsieb tal-minuri waheda w ukoll bl-ghajnuna tal-familjari taghha.

Illi mill-premess jirrizulta car li huwa fl-interess tat-tifel li dan jkun fil-kura u kustodja esklussiva tal-attrici, ommu.

Illi l-pretensjoni attrici dwar l-obbligu tal-manteniment tal-missier ghat-tifel hija valida fil-ligi, u din il-Qorti tafferma dan id-dritt tal-attrici li tircevi manteniment minghandu; izda, tenut kont li ma ngabux provi dwar l-introjtu tal-missier, din il-Qorti mhijiex fil-posizzjoni li tistabbilixxi l-quantum tal-manteniment dovut.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:
[1] tilqa' l-ewwel talba, u tafda l-kura u kustodja esklussiva tal-imsemmi minuri f' idejn l-attrici;
[2] tilqa' t-tieni talba limitatament billi tafferma d-dritt tal-attrici li tezigi manteniment minghand il-konvenut ghat-tifel minuri skont il-ligi;  filwaqt li jibqa' mpregudikat id-dritt taghha li f'gudizzju separat titlob li jigi stabbilit il-quantum ta' dan il-manteniment;
[3] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba, stante li hi superfluwa.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-konvenut assenti; izda dawk relattivi ghall-kuraturi deputati ghandhom provvizorjament jithallsu mill-attrici,

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------